MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 594/2004

**Avviz numru 594/04 DM**

**Joseph u Mary konjugi Curmi**

**Vs**

**Jonathan Gilson**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700) rapprezentanti bilanc dovut minnhom minn ammont akbar skond skrittura privata datata 20 ta' Settembru, 2001.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-att kontra l- konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi :

1. It-talbiet attrici huma lkoll nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mhuwiex dovut ;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv ;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-atturi konjugi Curmi kienu jiggestixxu negozju ta' 'stationery' f'hanut bin-numru 138 A, Sammat Street, Paola.

Kienu jikru dan il-fond minghand Maria Lourdes Stellato u permezz ta' kuntratt tat-13 ta' Settembru, 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Hugh Grima, l-istess atturi kienu rrinunzjaw ghal-lokazzjoni korrenti favur taghhom u accettaw illi s-sid Maria Lourdes Stellato tghaddi l-lokazzjoni ta' l-istess hanut favur il-konvenut Jonathan Gilson.

L-atturi jsostnu illi, biex huma waslu ghal tali rinunzja tal-lokazzjoni sabiex il-kirja tista' tghaddi favur il-konvenut, kienu ftiehemu mal-konvenut fuq hlas ta' rigal fis-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u l-konvenut kien effettivament hallas din l-istess somma lill-istess atturi.

Ikomplu jsostnu l-atturi illi, billi s-sid riedet ukoll tippartecipa f'dan ir-rigal, huma kienu accettaw li jiehdu biss rigal ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u l-elf lira Maltin (Lm1,000) l-ohra gew imhallsin lis-sid kif huwa kkonfermat mill-imsemmi kuntratt (vide fol. 24 tal-process) fejn effettivament jirrizulta li soma ta elf lira Maltin (Lm1,000) giet mhallsa lis-sid permezz ta' 'cheque' tal-Bank of Valletta mahrug favur Joseph Curmi li ggirah lill-istess

Maria Lourdes Stillato li halliet ricevuta relattiva ghal dan il-pagament favur l-inkwilin il-konvenut Jonathan Gilson.

L-atturi jkomplu jallegaw illi, ghal dak li jirrigwarda l-istock illi huma kiwenu li ser ihallu fil-hanut, gimgha wara li kienet sehhet il-lokazzjoni favur il-konvenut, huma kienu ftiehemu mieghu dwar prezz ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u kienu kkoncedew terminu ghall-hlas ta' l-istess prezz lill-konvenut li gie awtorizzat li jhallas is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) permezz ta' rati mensili ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) il-wahda

Dwar dan il-bejgh ta' 'stock' il-kontendenti ghamlu wkoll skrittura separate fl-20 ta' Settembru, 2001, skrittura miktuba fuq il-ktieb tar-ricevuti f'idejn l-istess Jonathan Gilson kopja ta' liema tinsab esebita a fol. 13 tal-process immarkata bhala dokument 'JC1'.

Minn naha taghhom l-atturi jkomplu jsostnu illi l-ammont ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700) li qedghin jitolbu minghand il-konvenut f'dawn il-proceduri huwa effettivament il-bilanc minn dan il-prezz ta' l-istock peress illi l-konvenut ghamel pagamenti akkont ta tali prezz ammontanti biss ghal tlett mitt lira Maltin (Lm300) u halla bilanc dovut ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700).

Il-konvenut jikkontesta din it-talba attrici fl-ewwel lok billi jsosstni illi l-elf lira Maltin (Lm1,000), li kien hallas bhala rigal qabel jew ma' l-iskrittura tat-13 ta' Settembru, 2001, kellhom jitqiesu bhala pagament akkont tal-prezz ta' l-istock, u fit-tieni lok isosstni illi l-bilanc li ghalhekk huwa jippretendi li ghandu jaghti fis-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700), mhux dovut peress illi l-merkanzija illi huwa xtara ma kienitx tal-kwalita' u fil-kundizzjoni pattwiti.

Izda ebda wahda minn dawn l-iskuzi ma hija bbazata sew, la fuq principji legali u lanqas fuq il-fatti rizultanti mill-provi.

Infatti huwa nkoncepibbli kif negozjant li jidhol ghal gestjoni ta' hanut avvjat u jixtri l-istock minghand l-inkwilin precedenti, mhux biss jippretendi illi ma jhallasx rigal bhala prezz ta' l-avvjament u ghac-cessjoni ta l-lokazzjoni

favor tieghu izda jippretendi li huwa logiku u vero simili ukoll illi jhallas somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) akkont tal-prezz ta’ merkanzija illi hu ftiehem li jixtri minghand l-atturi, ma jsemmi xejn dwar dan il-bejgh fil-kuntratt u gimgha wara li jghamel dan il-pagament jghaddi ghal skrittura ohra u jiftiehem u jiffirma illi gimgha wara illi ha l-lokazzjoni tal-hanut issa huwa qed jixtri l-merkanzija b’somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) u ma jaghmel ebda referenza ghall-elf lira Maltin (Lm1,000) illi suppost kien diga’ hallas akkont ta’ tali prezz u inoltre jintrabat ukoll illi jhallas is-somma totali ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) permezz ta’ rati mensili patwitti.

Din il-pretensjoni ukoll ghandha tinfluwixxi ukoll fuq il-kredibilita’ tal-konvenut u ta x-xhieda minnhu prodotti dwar dak li jkomplu jallegaw dwar il-kundizzjoni hazina tal-merkanzija illi fil-fatt il-konvenut kien xtara.

Izda anke minghajr ma jsir ebda riferenza ghall-kredibilita’ ta’ l-istess konvenut, il-fatt stess illi *ex admissis* il-konvenut iddikjara illi, nfurmat mill-bidu nett bl-istat allegatament hazin tal-merkanzija, huwa mhux biss ma ha ebda pass dettat mil-ligi biex jippreserva d-drittijiet tieghu u ma jippregudikax il-posizzjoni tieghu, izda minghajr ma qatt wassal l-ilment lill-atturi huwa baqa’ jaghmel il-pagamenti akkont tal-prezz ta’ tali merkanzija ghal iktar minn sena wara illi kien akkwista l-istess hanut.

Iktar u iktar tirrizulta inaccettabli l-kontestazzjoni tieghu meta wiehed jikkunsidra ukoll illi mhux biss ma hax il-passi biex jippreserva xi drittijiet tieghu u ma jippregudikax ruhhu, izda ddispona mill-merkanzija li jallega li ma kienitx tajba biex tinbiegh billi remiha bhala skart. Lanqas biss ma ndnja ruhhu li jzomm xi kampjun biex forsi seta’ jaghti xi ftit ta’ kredibbilita’ lill-allegazzjonijiet tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti tiskarta kompletament l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u ghar-ragunijiet diga’ indikati, il-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta elf u seba’ mitt

lira Maltin (Lm1,700), bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Ottubru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------